# Rapport ta’ l-Inkjesta Pubblika wara l-mewta traġika ta’ Jean Paul Sofia

<u>Statement miż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara</u>

Il-Moviment Żgħażagħ Ħaddiema Nsara jilqa’ bi pjaċir l-inkjesta ddettaljata mħejjija mill-Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon, is-Sur Charles Deguara u l-Perit Mario Cassar wara t-traġedja tat-3 ta’ Diċembru 2022 li ħasdet il-ħajja taż-żgħażugħ Jean Paul Sofia u darbet numru ta’ ħaddiema oħra.

Il-Moviment jitlob mill-awtoritajiet u l-partijiet konċernati illi jiflu bir-reqqa r-riżultat ta’ din l-Inkjesta Pubblika, jevalwaw u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Inkjesta u bi sħiħ jaħdmu lejn l-għan li possibilment ma jseħħux traġedji u inċidenti oħra ta’ din in-natura sabiex verament jiġi mħares il-ġid komuni.


zghazaghhaddiemansara@gmail.com